II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/676

tat-3 ta' Diċembru 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 18 minn (3) sa (6) u fl-Artikolu 18(8) ta' dan ir-Regolament

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 18(9) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ikopri każijiet ta' konsolidazzjoni prudenzjali ta' gruppi ta' impriżi li jkunu relatati fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) meta ma tkunx teżisti relazzjoni bejn kumpanija prinċipali u sussidjarja. F'dawn il-każijiet, jeħtieġ li tiġi ddeterminata l-entità li fil-livell tagħha r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu applikati fuq bażi konsolidata. Barra minn hekk, f'dawk il-każijiet, l-aktar metodu xieraq ta' konsolidazzjoni prudenzjali jenħtieġ li jkun il-metodu stabbilit fl-Artikolu 22(8) u (9) tad-Direttiva 2013/34/UE (il-"metodu ta' aggregazzjoni") f'konformità mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

(2) F'każijiet ta' parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet jew f'istituzzjonijiet finanzjarji ġestiti minn impriża inkluża fil-konsolidazzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar mhux inkluża fil-konsolidazzjoni, fejn tkun meħtieġa konsolidazzjoni proporzjonali skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kunsens unanimu ta' dawn l-impriżi li jikkonċerna d-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet rilevanti tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja jenħtieġ li jkun meħtieġ għall-applikazzjoni tal-metodu ta' konsolidazzjoni prudenzjali stabbilit f'din id-dispożizzjoni f'konformità mad-definizzjoni ta' arranġament bi sħab speċifikat fl-istandards internazzjonali tal-kontabilità kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) Il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jirreferu għar-rekwiżiti superviżorji għall-konsolidazzjoni prudenzjali fil-każ ta' influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar iżda mingħajr parteċipazzjoni jew rabtiet kapitali oħrajn, u fil-każ meta dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji jitqiegħdu taħt ġestjoni unika għajr skont kuntratt, memorandum jew artikoli ta' assoċjazzjoni, rispettivament. Biex jiġi ddeterminat jekk teżistix sitwazzjoni ta' influwenza sinifikanti, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu diversi indikaturi ta' influwenza sinifikanti. Barra minn hekk, sitwazzjoni ta' ġestjoni unika jenħtieġ li tiġi ddeterminata biss meta l-awtorità kompetenti jkollha evidenza konkreta li hemm koordinazzjoni effettiva tal-politiki finanzjarji u operattivi ta' dawn l-istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).
([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

(4) Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (Nasel Committee on Banking Supervision, BCBS) ippubblika Linji Gwida dwar l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' step-in ([4]) li jinkludu diversi indikaturi li jenħtieġ li jintużaw mill-istituzzjonijiet fl-identifikazzjoni ta' liema entitajiet jistgħu jwasslu għal riskju ta' step-in. Skont il-Linji Gwida tal-BCBS, "riskju ta' step-in" huwa r-riskju li istituzzjoni tiddeċiedi li tipprovdi appoġġ finanzjarju lil entità mhux konsolidata, jiġifieri entità mhux konsolidata kompletament jew proporzjonalment, li tkun qed tiffaċċja stress, finanzjarju ta', jew f'eċċess ta', xi obbligu kuntrattwali li tipprovdi dan l-appoġġ. Skont il-Linji Gwida tal-BCBS, meta istituzzjoni tidentifika li hemm riskju ta' step-in sinifikanti, din jeħtieġ li tiddetermina l-miżuri xierqa bbażati fuq in-natura u l-firxa tal-appoġġ step-in antiċipat f'kull każ. Dawn il-miżuri jinkludu, fost l-oħrajn, l-inklużjoni tal-entitajiet ikkonċernati fil-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni. F'konformità mal-Linji Gwida tal-BCBS, jenħtieġ li jitqiesu diversi indikaturi mill-istituzzjonijiet u mill-awtoritajiet kompetenti biex jiġi konkluż jekk ċerti impriżi jenħtiġux li jiġu kkonsolidati kompletament jew proporzjonalment skont l-Artikolu 18(5), il-punt (a) tal-Artikolu 18(6) jew l-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ikun applikabbli, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' step-in li dawn l-impriżi jistgħu joħolqu għal istituzzjoni. Madankollu, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jqisu wkoll miżuri alternattivi biex jindirizzaw ir-riskju ta' step-in skont il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju u l-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital (internal capital adequacy assessment process, ICAAP) tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu miżuri oħrajn biex jittrattaw ir-riskju potenzjali ppreżentat minn dawk l-impriżi taħt il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (supervisory review and evaluation processes, SREP). Fil-kuntest tal-qafas tal-iskoperturi l-kbar, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ħarġet ukoll linji gwida dwar il-limiti fuq l-iskoperturi għall-entitajiet bankarji "paralleli" li jwettqu attivitajiet simili għall-banek barra minn qafas regolatorju ([5]), li jispeċifikaw il-metodoloġija li jenħtieġ li tintuża mill-istituzzjonijiet biex jistabbilixxu limiti, bħala parti mill-proċessi interni tagħhom, fuq l-iskoperturi individwali u aggregati tagħhom għal entitajiet bankarji "paralleli".

(5) B'mod partikolari, biex jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm bżonn ta' konsolidazzjoni sħiħa jew proporzjonali skont l-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-każ ta' sussidjarji jew impriżi li fihom istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni meta dik is-sussidjarja jew impriża ma tkunx istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari, u meta jkun hemm riskju ta' step-in sostanzjali u dment li l-impriża ma tkunx impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jew impriża azzjonarja tal-assikurazzjoni, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu mistennija li jiskrutinizzaw, mill-inqas, ċerti kategoriji ta' impriżi bħal entitajiet bi skop speċjali li ma jikkwalifikawx bħala entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li għalihom huma applikabbli l-kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju ta' kreditu sinifikanti stabbiliti fl-Artikolu 244 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll dawk l-impriżi li jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(6) Biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas ta' fondi proprji skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u biex jiġi evitat ir-rikonoxximent ta' benefiċċji kapitali mhux dovuti, f'dawk il-każijiet meta l-konsolidazzjoni tkun meħtieġa skont l-Artikolu 18 minn (3) sa (6) jew l-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-inklużjoni fil-fondi proprji konsolidati tal-ammonti ta' entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u tal-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali maħruġa mill-impriżi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni u li jkunu jappartjenu għal persuni għajr dawn l-impriżi, kif ukoll il-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, jenħtieġ li jkunu bbażati wkoll fuq l-Artikoli minn 81 sa 88 ta' dan ir-Regolament.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-EBA.

(8) L-EBA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati potenzjali u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

([4]) Il-Linji Gwida tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja dwar l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' step-in, Basel, Ottubru 2017.

([5]) Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-limiti fuq l-iskoperturi għall-entitajiet bankarji "paralleli" li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat skont l-Artikolu 395(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, 3 ta' Ġunju 2016, EBA/GL/2015/20.

([6]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "attivitajiet rilevanti" tfisser attivitajiet rilevanti kif iddefinit fl-Appendiċi A tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1254/2012 ([8]) (l-Anness relatat mal-IFRS 10);

(2) "mitiganti tar-riskji" tfisser kwalunkwe liġi, regolament, regola jew arranġament kuntrattwali applikabbli li jirrestrinġu l-kapaċità ta' istituzzjoni li tipprovdi appoġġ finanzjarju lil impriża f'kundizzjonijiet ta' stress;

(3) "impriżi parteċipanti" tfisser l-impriżi li jikkontrollaw bi sħab kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, jew;

(b) impriża li ma hijiex istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(4) "rabtiet kapitali" tfisser is-sjieda, diretta jew indiretta, tal-kapital ta' impriża, inkluża parteċipazzjoni kif iddefinit fil-punt (35) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(5) "influwenza sinifikanti" tfisser is-setgħa ta' parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet ta' politika finanzjarja u operattiva ta' impriża, meta din l-impriża ma tkunx tikkwalifika bħala sussidjarja kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ma tkunx ikkontrollata bi sħab kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) jew fil-punt (a) tal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każ ta' gruppi ta' impriżi li jkunu relatati fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE

1. Meta tkun meħtieġa konsolidazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-entità li ġejja għandha tkun responsabbli għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Ewwel Parti tat-Titolu II tal-Kapitolu 2 tat-Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-impriżi kollha tal-grupp:

(a) l-istituzzjoni, meta jkun hemm istituzzjoni waħda biss fil-grupp;

(b) l-istituzzjoni ta' kreditu bl-akbar total fil-karta tal-bilanċ, meta jkun hemm diversi istituzzjonijiet ta' kreditu fil-grupp;

(c) id-ditta tal-investiment soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bl-akbar total fil-karta tal-bilanċ, meta l-grupp ma jkun jinkludi l-ebda istituzzjoni ta' kreditu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-total fil-karta tal-bilanċ għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-aħħar rapporti finanzjarji konsolidati awditjati jew, meta r-rapporti finanzjarji konsolidati ma jkunux meħtieġa li jitħejjew f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli, l-aħħar rapport finanzjarju individwali vverifikat tal-istituzzjoni.

([8]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2012 tal-11 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 10 u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 11, l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 12, l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 27 (2011) u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 28 (2011) (ĠU L 360, 29.12.2012, p. 1).

3. Meta l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma tkunx xierqa, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111(4), (5), u (6) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) jistgħu jirrinunzjaw għal dawk il-kriterji, u jaħtru entità oħra fil-grupp soġġetta għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bħala responsabbli għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Ewwel Parti tat-Titolu II tal-Kapitolu 2 tat-Taqsima 1 ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ta' konsolidazzjoni tal-impriżi kollha tal-grupp.

Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 111(6) tad-Direttiva 2013/36/UE jew, fin-nuqqas ta' din id-deċiżjoni, l-istituzzjonijiet ikkonċernati u l-importanza relattiva tal-attivitajiet tagħhom fl-Istati Membri rilevanti jew jekk dawn ikunux meħtieġa jħejju rapporti finanzjarji konsolidati għall-grupp fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjoni bl-akbar total fil-karta tal-bilanċ għandu jkollha d-dritt li tinstema', qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjoni.

4. Fil-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-eżerċitar tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111(4), (5) u (6) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jippermettu jew jirrikjedu l-użu tal-metodu ta' konsolidazzjoni previst fl-Artikolu 22(8) u (9) tad-Direttiva 2013/34/UE.

5. Impriża li tkun relatata ma' impriża waħda jew aktar fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE ma għandhiex għalfejn tiġi inkluża fil-konsolidazzjoni skont dan l-Artikolu fl-istess każijiet u f'konformità mal-istess kriterji kif stabbilit fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Artikolu 3

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każ ta' istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji ġestiti minn impriża inkluża fil-konsolidazzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar mhux inkluża fil-konsolidazzjoni

1. Fil-każ ta' parteċipazzjonijiet f'istituzzjonijiet jew f'istituzzjonijiet finanzjarji ġestiti minn impriża inkluża fil-konsolidazzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar mhux inkluża fil-konsolidazzjoni, is-superviżur konsolidanti għandu jirrikjedi konsolidazzjoni proporzjonali skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-impriżi parteċipanti jikkontrollaw bi sħab maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata jew ikollhom il-kapaċità li jidderieġu bi sħab l-attivitajiet rilevanti ta' dik l-istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja, skont arranġament kuntrattwali legalment infurzabbli bejniethom jew skont klawżoli tal-memoranda jew tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja;

(b) id-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet rilevanti tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja jirrikjedu l-kunsens unanimu tal-impriżi parteċipanti kollha;

(c) l-arranġament kuntrattwali msemmi fil-punt (a) jew il-klawżoli tal-memoranda jew tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja jistipulaw li r-responsabbiltà tal-impriżi parteċipanti hija limitata għall-azzjoni tal-kapital li dawn għandhom fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata.

2. Fil-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, il-konsolidazzjoni proporzjonali għandha titwettaq fuq il-bażi tal-azzjoni tal-kapital miżmuma fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata u f'konformità mal-Artikolu 26(2) tad-Direttiva 2013/34/UE.

([9]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Artikolu 4

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każ ta' parteċipazzjonijiet jew rabtiet kapitali f'istituzzjonijiet jew f'istituzzjonijiet finanzjarji għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 18(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

1. Meta l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li l-konsolidazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn jistgħu jippermettu jew jirrikjedu l-użu tal-metodu tal-ekwità skont dan l-Artikolu sakemm ma jiddeterminawx il-konsolidazzjoni proporzjonali jew sħiħa tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata li tkun meħtieġa f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel id-determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji ppreżentati mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata lill-istituzzjoni, filwaqt li tqis il-firxa u l-effettività ta' kull mitigant tar-riskju u l-impatt fuq ir-rekwiżiti prudenzjali tal-istituzzjoni fuq bażi konsolidata li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni ta' konsolidazzjoni sħiħa jew proporzjonali.

3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-istituzzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) l-istruttura ġenerali tas-sjieda tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, wara li tqis, b'mod partikolari, jekk azzjonijiet jew drittijiet ta' sjieda ekwivalenti u drittijiet tal-vot, inkluż drittijiet potenzjali tal-vot kif imsemmi fl-Artikolu 5(5), jitqassmux bejn għadd kbir ta' azzjonisti, sidien jew membri, jew jekk l-istituzzjoni hijiex l-azzjonist ewlieni, is-sid jew il-membru tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja;

(b) jekk l-istituzzjoni taġixxix bħala sponsor billi tiġġestixxi jew tagħti pariri lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, tqiegħed it-titoli tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja fis-suq, jew tipprovdi titjib fil-likwidità u/jew fil-kreditu lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja, jew jekk l-istituzzjoni hijiex investitur importanti fl-istrumenti ta' dejn jew ta' ekwità tagħha, jew jekk hemmx involviment kuntrattwali u mhux kuntrattwali ieħor li jesponi lill-istituzzjoni għar-riskji jew għal redditi simili għall-ekwità mill-assi tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata jew relatat mal-prestazzjoni tagħha;

(c) jekk l-istituzzjoni hijiex effettivament involuta fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, il-grad sa fejn l-istituzzjoni teżerċita influwenza fuqu, jew jekk l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja titqiesx bħala kkontrollata f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli;

(d) jekk l-istituzzjoni tirċevix servizzi operazzjonali kritiċi mill-istituzzjoni jew mill-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata li ma jistgħux jiġu sostitwiti fil-ħin mingħajr spiża eċċessiva;

(e) jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata hijiex ibbażata fuq il-klassifikazzjoni proprja tal-istituzzjoni;

(f) jekk jeżistux karatteristiċi speċifiċi relatati mal-kompożizzjoni tal-bażi tal-investituri tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, b'referenza partikolari għal jekk l-investituri l-oħrajn fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni finanzjarja għandhomx relazzjoni kummerċjali mill-qrib mal-istituzzjoni, għall-kapaċità tagħhom li jġarrbu telf jew għall-kapaċità tagħhom li jiddisponu mill-istrumenti finanzjarji tagħhom;

(g) jekk l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata u l-istituzzjoni għandhomx bażi komuni ta' klijenti jew humiex involuti fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti ta' xulxin;

(h) jekk l-istituzzjoni u l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata għandhomx l-istess marka;

(i) jekk l-istituzzjoni tkunx diġà pprovdiet appoġġ finanzjarju lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata f'każ ta' diffikultajiet finanzjarji.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, jirrikjedu konsolidazzjoni proporzjonali tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata skont l-azzjoni tal-kapital miżmuma f'dik l-impriża meta jkun hemm ftehim kuntrattwali bejn l-istituzzjoni u azzjonist, sid jew membru wieħed jew aktar tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata li jipprovdu appoġġ finanzjarju bi sħab lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja jew ikun hemm evidenza qawwija li dawn jappoġġaw finanzjarjament lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja skont l-azzjoni tal-kapital miżmuma fiha.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, jirrikjedu konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata meta, bħala konsegwenza tar-relazzjonijiet organizzazzjonali u finanzjarji bejn l-istituzzjoni u l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, l-istituzzjoni tkun esposta għall-maġġoranza tar-riskji jew tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet rilevanti ta' dik l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja.

Artikolu 5

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni f'każijiet fejn istituzzjoni teżerċita influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar, iżda mingħajr ma jkollha parteċipazzjoni jew rabtiet kapitali oħrajn f'dawk l-istituzzjonijiet

1. Meta istituzzjoni teżerċita influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja waħda jew aktar, iżda mingħajr ma jkollha parteċipazzjoni jew rabtiet kapitali oħra f'dawk l-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati skont il-punt (a) tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskji ppreżentati minn dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji lill-istituzzjoni li teżerċita l-influwenza sinifikanti, filwaqt li jqisu l-firxa u l-effettività ta' kwalunkwe mitigant tar-riskju u l-impatt fuq ir-rekwiżiti prudenzjali ta' dik l-istituzzjoni fuq bażi konsolidata li jista' jirriżulta mill-applikazzjoni ta' konsolidazzjoni sħiħa.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba, l-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi msemmija fil-punti minn (a) sa (i) tal-Artikolu 4(3).

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, jirrikjedu konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-paragrafu 1 meta, bħala konsegwenza tar-relazzjonijiet organizzazzjonali u finanzjarji bejn l-istituzzjoni li teżerċita l-influwenza sinifikanti u l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati, l-istituzzjoni tkun esposta għall-maġġoranza tar-riskji jew tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet rilevanti ta' dawk l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-elementi li għandhom jitqiesu bħala indikazzjonijiet ta' influwenza sinifikanti għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) l-istituzzjoni tkun ħatret jew ikollha d-dritt li taħtar membru tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(b) l-istituzzjoni tkun involuta b'mod effettiv fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, inkluż fid-deċiżjonijiet dwar id-dividendi u distribuzzjonijiet oħrajn;

(c) l-eżistenza ta' tranżazzjonijiet materjali mal-istituzzjoni jew mal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(d) l-istituzzjoni tkun skambjat persunal maniġerjali mal-istituzzjoni jew mal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(e) l-istituzzjoni tipprovdi informazzjoni teknika essenzjali jew servizzi kritiċi lill-istituzzjoni jew lill-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata;

(f) l-istituzzjoni jkollha drittijiet addizzjonali fl-istituzzjoni jew fl-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, skont kuntratt, il-klawżoli tal-memoranda tagħhom jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni li jistgħu jaffettwaw il-ġestjoni jew il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' dik l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja.

5. L-eżistenza ta' ċertifikat tal-azzjonijiet, ta' għażliet ta' xiri ta' azzjonijiet, ta' strumenti ta' dejn li huma konvertibbli f'azzjonijiet ordinarji jew ta' strumenti simili oħrajn li bħalissa jistgħu jiġu eżerċitati jew huma konvertibbli u li għandhom il-potenzjal, jekk jiġu eżerċitati jew ikkonvertiti, li jagħtu lill-istituzzjoni s-setgħa tal-vot jew li jnaqqsu s-setgħa tal-vot ta' parti oħra fuq il-politiki finanzjarji u operattivi tal-istituzzjoni jew tal-istituzzjoni finanzjarja kkonċernata, għandha tiġi kkunsidrata wkoll fil-valutazzjoni tal-influwenza sinifikanti.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni f'każijiet fejn żewġ istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji jew aktar jitqiegħdu f'ġestjoni unika għajr skont kuntratt, il-klawżoli tal-memoranda tagħhom jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni

1. Awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-konsolidazzjoni ta' żewġ istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji jew aktar li jitqiegħdu f'ġestjoni unika għajr skont kuntratt, il-klawżoli tal-memoranda tagħhom jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti tkun wettqet valutazzjoni bil-għan li tivverifika li l-politiki finanzjarji u operattivi tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu kkoordinati b'mod effettiv; u

(b) l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati ma jkunux relatati fis-sens tal-Artikolu 22(1), (2) u l-punt (b) tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, iqisu l-elementi li ġejjin bħala indikazzjonijiet tal-eżistenza tas-sitwazzjoni msemmija f'dan il-punt:

(a) l-istituzzjonijiet jew l-istituzzjonijiet finanzjarji kkonċernati jkunu kkontrollati direttament jew indirettament, mill-istess persuna fiżika jew persuni fiżiċi, jew mill-istess entità jew entitajiet;

(b) maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-istituzzjonijiet jew tal-istituzzjonijiet finanzjarji tkun tikkonsisti minn persuni maħtura mill-istess persuna fiżika jew persuni fiżiċi jew mill-istess entità jew entitajiet, anke jekk dawk il-membri ma jkunux jikkonsistu mill-istess persuni.

3. Fil-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu jew jirrikjedu l-użu tal-metodu ta' konsolidazzjoni previst fl-Artikolu 22(8) u (9) tad-Direttiva 2013/34/UE.

4. L-Artikolu 2(1), (2) u (3) ta' dan ir-Regolament għandu japplika bl-iskop li tiġi ddeterminata l-entità responsabbli għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fl-Ewwel Parti tat-Titolu II tal-Kapitolu 2 tat-Taqsima 1 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ta' konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-istituzzjonijiet finanzjarji kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni f'każijiet fejn sussidjarja jew impriża li fiha istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni ma tkunx istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari

1. Awtorità kompetenti tista' tirrikjedi l-konsolidazzjoni sħiħa jew proporzjonali ta' sussidjarja jew impriża li fiha istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni meta din is-sussidjarja jew impriża ma tkunx istituzzjoni, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari skont l-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li din twettaq valutazzjoni li tivverifika li l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 qed tiġi ssodisfata. Għal dan il-fini, għandu japplika l-Artikolu 4(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, b'mod partikolari, jirrikjedu konsolidazzjoni sħiħa tas-sussidjarja jew tal-impriża msemmija fil-paragrafu 1 meta, bħala konsegwenza tar-relazzjonijiet organizzazzjonali u finanzjarji bejn l-istituzzjoni u s-sussidjarja jew l-impriża kkonċernata, l-istituzzjoni tkun esposta għall-maġġoranza tar-riskji jew tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-attivitajiet rilevanti ta' din is-sussidjarja jew l-impriża.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu b'mod partikolari jirrikjedu konsolidazzjoni proporzjonali ta' impriża msemmija fil-paragrafu 1 skont l-azzjoni tal-kapital miżmuma f'din l-impriża meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriża tkun ikkontrollata bi sħab mill-istituzzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar mhux inkluża fil-konsolidazzjoni skont arranġament kuntrattwali legalment infurzabbli bejniethom jew il-klawżoli tal-memoranda tal-impriża jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni u d-deċiżjonijiet dwar l-attivitajiet rilevanti tal-impriża jkunu jirrikjedu l-kunsens unanimu tal-impriżi parteċipanti kollha;

(b) ikun hemm ftehim kuntrattwali bejn l-istituzzjoni u azzjonist, sid jew membru wieħed jew aktar tal-impriża biex jipprovdu appoġġ finanzjarju bi sħab lil din l-impriża jew ikun hemm evidenza b'saħħitha li dawn jappoġġaw finanzjarjament lill-impriża skont l-azzjoni tal-kapital miżmuma fiha.

Artikolu 8

Kundizzjonijiet għall-inklużjoni fil-kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, u tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali, ta' strumenti li jkunu jappartjenu għal persuni għajr l-impriżi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni

1. F'każijiet fejn jintuża l-metodu ta' konsolidazzjoni previst fl-Artikolu 22(8) u (9) tad-Direttiva 2013/34/UE skont il-punt (b) tal-Artikolu 18(3) jew (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, istituzzjoni tista' tinkludi l-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati tal-impriżi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni li jkunu jappartjenu għal persuni għajr dawk l-impriżi fil-kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, u tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali, dment li dawk l-entrati kapitali jkunu disponibbli biex ikopru t-telf tal-impriżi kollha inklużi fil-konsolidazzjoni.

Meta l-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati msemmija fl-ewwel subparagrafu ma jkunux disponibbli biex ikopru t-telf tal-impriżi kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni, l-istituzzjoni għandha tiddetermina l-ammont tal-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u tal-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati li għandhom jiġu inklużi fil-kapital konsolidat tal-Grad 1, u tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali, f'konformità mal-Artikoli minn 81 sa 88 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, li jkunu jappartjenu għall-persuna jew għall-persuni jew għall-entità jew għall-entitajiet li jiġġestixxu l-impriżi fuq bażi magħquda skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew li jeżerċitaw ġestjoni unika fuq l-impriżi skont il-punt (b) tal-Artikolu 18(6) ta' dan ir-Regolament, għandhom jitqiesu li huma disponibbli biex ikopru t-telf tal-impriżi kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni.

3. F'każijiet fejn tkun meħtieġa konsolidazzjoni sħiħa skont l-Artikolu 18(5), il-punt (a) tal-Artikolu 18(6) jew l-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni għandha tiddetermina l-ammont ta' entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u tal-istrumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati tal-impriżi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni li jkunu jappartjenu għal persuni għajr dawk l-impriżi, li għandu jiġi inkluż fil-kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, u tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali, f'konformità mal-Artikoli minn 81 sa 88 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Għal dan il-għan, l-impriżi li għalihom tkun meħtieġa konsolidazzjoni sħiħa għandhom jitqiesu bħala sussidjarji.

4. F'każijiet fejn tkun meħtieġa konsolidazzjoni proporzjonali skont l-Artikolu 18(4), (5) jew (8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' strumenti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali maħruġa mill-impriżi inklużi b'mod proporzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni prudenzjali tal-konsolidazzjoni li jkunu jappartjenu għal persuni għajr dawk l-impriżi kif ukoll tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, li għandu jiġi inkluż fil-kapital konsolidat tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 82, 83, u minn 85 sa 88 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-impriżi li għalihom tkun meħtieġa konsolidazzjoni proporzjonali għandhom jitqiesu bħala sussidjarji;

(b) ir-referenzi għall-inklużjoni sħiħa fil-konsolidazzjoni skont l-Ewwel Parti tat-Titolu II tal-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-inklużjoni proporzjonali fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 18(4), (5) jew (8) ta' dan ir-Regolament; u

(c) l-ammonti msemmija fl-Artikoli 82, 83 u minn 85 sa88 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom jiġu ddeterminati filwaqt li titqies l-azzjoni tal-kapital miżmuma mill-istituzzjoni f'dawk l-impriżi.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN